# ĦWEJJEĠ LI INT GĦANDEK TKUN TAF

Minn

George Ebejer

# SEJĦA GĦALL-KRISTJANEŻMJU TAT-TESTMENT IL-ĠDID

Ġesù miet għall-knisja Tiegħu, l-għarusa ta' Kristu (Efesin 5:25-33). Il-bniedem matul l-istorja ħassar il-knisja li Kristu miet għaliha permezz ta' denominazzjonijiet, billi żied liġijiet magħmula mill-bniedem ma' l-Iskrittura, u billi mexa wara tagħlim ieħor barra minn dak tal-Bibbja Mqaddsa.

Huwa possibbli llum, li tkun ubbidjenti għar-rieda ta' Kristu? Iva. Il-Kristjani jistgħu jirrisolvu biex iġibu lura l-knisja għal dik il-knisja tat-Testment il-Ġdid (Atti 2:36-47).

---

Dawn ta' taħt huma xi ħwejjeġ li tajjeb li wieħed ikun jafhom biex ikun jista' jara tassew x'tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, u jqabbel ma' dak li jgħallmu l-bnedmin.

Wieħed m'għandux jinsa l-eżempju ta' l-appostli meta huma kienu odnati biex ma jippridkawx dwar l-isem ta' Ġesù Kristu. Id-deċiżjoni tagħhom għandha tkun id-deċiżjoni tiegħek ukoll:

> "*Iżda Pietru, flimkien ma' l-appostli. Wieġeb u qal: "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla milli 'll-bnedmin*" (Atti 5:29).

Lest int li tobdi aktar lil Alla milli 'll-bnedmin?

# XI ĦWEJJEĠ
# LI INTI GĦANDEK TKUN TAF

**Int għandek tkun taf li fiż-żminijiet tal-Bibbja, il-knisja hija msejħa:**

- It-tempju ta' Alla – 1 Korintin 3:16; 6:19; Lhud 3:6
- L-għarusa ta' Kristu – Efesin 5:22-32
- Il-ġisem ta' Kristu – Kolossin 1:18,24; Efesin 1:22-23
- Is-saltna ta' Alla – 1 Korintin 6:9
- Is-saltna ta' Kristu – Efesin 5:5
- Is-saltna ta' Ibnu l-maħbub – Kolossin 1:13
- Is-saltna tal-Mulej tagħna – 1 Pietru 1:11
- Il-knisja – Atti 13:1
- Il-knisja ta' Alla l-ħaj – 1 Timotju 3:15
- Id-dar ta' Alla – 1 Timotju 3:15; Lhud 3:6
- Il-knisja ta' Alla – 1 Korintin 1:2
- Il-knisja ta' l-ulied il-kbar – Lhud 12:23
- Il-knisja tal-Mulej (ta' Alla) – Atti 20:28
- Il-knejjes ta' Kristu – Rumani 16:16

**Int għandek tkun taf li l-knisja:**

- Kienet ipprofetizzata mill-profeti tat-Testment il-Qadim – Isaija 2:2, 3; Ġoel 2:28, 29; Danjel 2:44; Atti 2:16
- Mibnija minn Ġesù Kristu – Mattew 16:13-18
- Kellha l-bidu tagħha f'Ġerusalem – Luqa 24:45-49; Mark 9:1; Atti 1:2; Atti 2

- Ġġib id-data ta' l-oriġini tagħha fis-sena 33 W.K. – Atti 2
- Kienet iġġib l-Isem ta' Kristu – Rumani 16:16
- Mixtrija bid-demm ta' Kristu (Alla) – Atti 20:28
- Mibnija fuq Ġesù Kristu bħala l-uniku pedament – 1 Korintin 1:12-13
- Mhux mibnija fuq Pietru, Pawlu, jew xi raġel ieħor – 1 Korintin 1:11-13
- Magħmula mis-salvi, li huma miżjuda fiha mill-Mulej li jsalvahom – Atti 2:47

**Int għandek tkun taf li Ġesù Kristu Nnifsu:**

- Ħabb il-knisja – Efesin 5:25
- Xerred demmu għall-knisja – Atti 20:28
- Waqqaf il-knisja – Mattew 16:18
- Sejjaħ il-knijsa, Tiegħu – Mattew 16:18
- Żied nies fil-knisja – Atti 2:47
- Hu r-Ras tal-knisja – Efesin 5:23; 4:4; 1:22-23
- Isalva l-ġisem – Efesin 5:23; 4:4; 1:22-23

**Int għandek tkun taf li membri tal-knisja huma msejħa:**

- Membri ta' Kristu – 1 Korintin 12:27; 6:15; Rumani 12:4-5
- Dixxipli ta' Kristu – Atti 6:1, 7; 11:26
- Emmiena – Atti 5:14; 2 Korintin 6:15
- Qaddisin – Atti 9:13; Rumani 1:7; Filippin 1:1
- Qassisin – 1 Pietru 2:5, 9; Rivelazzjoni 1:6
- Ulied Alla – Galatin 3:26-27; 1 Ġwanni 3:1-2

- Kristjani – Atti 11:26; 26:28; 1 Pietru 4:16

**Int għandek tkun taf li l-knisja lokali għandha:**

- Anzjani (xjuħ, imsejħa wkoll isqfijiet u ragħaj-ja) li jħarsu u jindokraw il-merħla – Atti 20:28; Filippin 1:1; 1 Timotju 3:1-7; Titu 1:5-9; 1 Piet-ru 5:1-4
- Djakni – 1 Timotju 3:8-13; Filippin 1:1
- Evanġelisti (predikaturi, ministri) li jgħallmu u jħabbru l-Kelma ta' Alla – Efesin 4:11; 1 Timo-tju 4:13-16; 2 Timotju 4:1-5
- Membri li jħobbu lill-Mulej u lil xulxin – Filip-pin 2:1-5
- Awtonomija, u hija marbuta ma' knejjes oħra lokali permezz tal-fidi komuni maqsuma flim-kien – Ġuda 3; Galatin 5:1

**Int għandek tkun taf li l-Mulej Ġesù Kristu:**

- Hu Alla li Jista' Kollox – Isaija 9:6 = Mattew 1:22; Isaija 40:3 = Luqa 3:4; Ġwanni 1:23 Isaija 44:6 = Rivelazzjoni 1:8, 18; 22:13; Eżodu 3:14 = Ġwanni 8:24; Ġwanni 1:1; 20:28; 10:33; Luqa 5:21; Titu 2:13; Lhud 1:6, 8; Ġwanni 5:23; 9:38; Luqa 18:18-19; 19:7; Atti 20:28
- Ħabb il-knisja – Efesin 5:25
- Xerred demmu għall-knisja – Atti 20:28
- Ta Lilu Nnifsu għalina biex jifdina – Titu 2:14
- Waqqaf il-knisja – Mattew 16:18
- Żied nies salvi fil-knisja – Atti 2:47
- Hu r-Ras tal-knisja – Efesin 1:22-23; 5:23

- Għandu l-awtorità kollha fis-sema u fuq l-art – Mattew 28:18
- Isalva l-knisja – Atti 2:47; Efesin 5:23
- Hu mingħajr ebda dnub – Isaija 53:9; Ġwanni 1:29; 8:46; 2 Korintin 5:21; Lhud 4:15; 7:26; 9:14; 1 Pietru 1:19; 2:22, 24; 3:18; 1 Ġwanni 2:22; 3:5; 4:10
- Hu s-Salvatur tad-dinja – Luqa 2:11; Ġwann 1: 29; Titu 1:4; 2 Pietru 1:11

**Int għandek tkun taf li l-Ispirtu s-Santu:**

- Hu Alla – Atti 5:3, 4
- Hu Mulej – 2 Korintin 3:18
- Hu l-Ispirtu ta' Alla – 1 Korintin 3:16
- Hu l-Ispirtu tal-verità – Ġwanni 15:26
- Hu d-Difensur – Ġwanni 14:16, 26; 16:7
- Hu l-Ispirtu Etern – Lhud 9:4
- Hu Omnipotenti – Salm 139:7-10
- Omnipreżenti – Salm 139:7-10
- Iħobb – Rumani 15:30
- Għandu r-rieda – 1 Korintin 12:11
- Jgħallem – Ġwanni 14:26
- Ifakkar – Ġwanni 14:26
- Jista' jkun imnikket – Efesin 4:30
- Ikun insulentat – Lhud 10:29
- Jista' jkun imxekkel – 1 Tesssalonikin 5:19
- Hu l-Awtur ta' l-Iskrittura – 2 Pietru 1:20-21
- Isejjaħ u jikkummissjona – Atti 13:24; 20:28
- Inaddaf – 2 Tessalonikin 2:13; 1 Pietru 1:2

- Hu jwassal għall-verità kollha – Ġwanni 16:13
- Joħloq – Ġenesi 1:2; Ġob 33:4
- Jimla – Atti 2:4; 4:29-31; 5:18-20
- Jagħti d-doni – 1 Korintin 12:8-11
- Jigglorifika lil Kristu – Ġwanni 16:14
- Jiggwida fil-verità – Ġwanni 16:13
- Jgħin fin-nuqqas ta' ħila tagħna – Rumani 8:26
- Jixhed dwar Ġesù – Ġwanni 15:26
- Isaħħaħ – Efesin 3:16; Atti 1:8; 2:4; 1 Korintin 2:4
- Jipproduċi l-frott – Galatin 5:22-23
- Iqaddes – Rumani 15:16
- Jissiġilla – Efesin 1:13-14; 4:30
- Imexxi – Rumani 8:14
- Jaħtaf – Atti 8:39
- Jinterċiedi – Rumani 8:26
- Jispira t-talb – Efesin 6:18; Ġuda 20
- Jinterpreta l-Iskrittura1 Korintin 2:1, 14; Efesin 1:17
- Jifforma l-karattru – Galatin 5:22-23
- Vittorja fuq il-ġisem – Rum. 8:2-4; Galatin 4:6
- Hu Persuna, Hu Alla – Atti 5:3, 4

**Int għandek tkun taf li l-bniedem ma:**

- Fassalx tal-knisja – Efesin 3:10-11
- Xtarax il-knisja – Atti 20:28; Efesin 5:25
- Kienx hu li ta isem lill-membri tagħha – Atti 11:26

- Żiedx lin-nies fil-knisja – Atti 2:47; 1 Korintin 12:18
- Kienx hu li ta lill-knisja d-dottrina tagħha – Galatin 1:8-11; 2 Ġwanni 9-11
- Ispirax l-Iskrittura – 2 Timotju 3:16-17
- M'għandux jinterpreta l-Bibbja minn moħħu – 2 Pietru 1:20-21
- Taniex l-Evanġelju imma Sidna Ġesù Kristu – Galatin 1:11-12

**Int għandek tkun taf li:**

- L-uniku pedament tal-knisja Hu Kristu – Isaija 28:16; Mattew 16:13-18; 1 Korintin 3:11;
- L-ġebla tax-xewka Hu Kristu – Isaija 28:16; 1 Pietru 2:4-6
- L-unika Ras tal-knisja hija Kristu – Efesin 1:22; 5:23; Kolossin 1:18; 2:19
- L-uniku Salvatur tal-knisja Hu Kristu – Ġwanni 4:42; Efesin 5:231 Timotju 4:10; 1 Ġwanni 4:14
- L-uniku Medjatur bejn Alla u l-bniedem Hu Kristu – 1 Timotju 2:5
- L-uniku Isemn li bih wieħed jista' jsalva Hu dak ta' Kristu – Atti 4:12; Kolossin 3:17

**Int għandek tkun taf li fil-Bibbja mkien ma ssib:**

- Il-Knisja Kattolika Rumana (hemm ħafna fergħ-at fiha – Katakumeni; Neo Katakumenti; Foko-lari; Kariżmatiċi; eċċ.)
- Il-Knisja Kattolika Liberali
- Il-Knisja Kattolika Antika Mariavite

- Il-Knisja Protestanta
- Il-Knisja ta’ l-Ingilterra jew ta’ l-Iskozja
- Il-Knisja Luterana Amerikana
- Il-Knisja Luterana Appostolika amerikana
- Il-Knisja ta’ l-Aħwa Luterani
- Il-Knisja ta’ l-Istqarrija Luterana
- Il-Knisja Evanġelika Luterana fl-Amerika
- Il-Knejjes Mennoniti (hemm diversi ismijiet)
- Ix-Xhieda ta’ Ġeħovah
- Il-Knisja Pentekostali
- Il-Knisja ta’ Kristu Internazzjonali Pentekostali
- Il-Knisja ta’ Alla Pentekostali
- Il-Knisja Battista ta’ Rieda Ħielsa, Inc.
- Il-Knisja Pentekostali Internazzjonali Magħquda
- Il-Knisja Battista (hemm ħafna fergħat)
- Il-Knisja Ortodossa
- Il-Knisja Presbiterjana
- Il-Knisja Presbiterjana Assoċjata Irriformata
- Il-Knisja tal-Bibbja Presbiterjana
- Il-Knisja ta’ Cumberland Presbiterjana
- Il-Knisja Evanġelika Presbiterjana
- Il-Knisja Ortodossa Presbiterjana
- Il-Knisja tal-Qaddisin ta’ l-Aħħar Jiem
- Il-Knisja Avventista
- L-Avventisti tas-Seba’ Jum
- Il-Knejjes Evanġeliċi Kristjani
- Il-Knisja Kristjana Appostolika (Nazzarenu)

- Kristjani Born Again (Bħala isem tal-grupp)
- Baha’I
- Il-Knisja Armenjana
- Il-Knisja Funadamentali Berejana
- Il-Knisja Bible Fellowship
- Il-Knijsa United Zion
- Il-Knisja ta’ l-Aħwa (Ashland)
- Il-Knisja Aħwa ta’ Kristu
- Il-Knisja Bible Way, Worldwide
- Il-Knisja ta’ Kristu Xjentista
- Il-Knisja ta’ Kristu (Qdusija)
- Il-Knisja ta’ Kristu tal-Qaddisin ta’ l-Aħħar Jiem (Mormoni)
- Il-Knisja Kristjana (Dixxipli ta’ Kristu)
- Il-Knisja ta’ Alla fi Kristu
- Il-Knisja ta’ Alla bil-Fidi
- Il-Knisja ta’ Alla (Seba’ Jum)
- Il-Knisja ta’ Alla tal-Profezija
- Il-Knisja tal-Mulej Tagħna Ġesù Kristu tal-Fidi Appostolika
- Il-Knisja ta’ Nazzarenu
- Il-Knisja ta’ Kristu f’Għaqda Kristjana
- Il-Knijsa ta’ Alla, Konferenza Ġenerali
- Il-Knejjes ta’ l-Illuminazzjoni
- Il-Kunsill Internazzjonali tal-Komunità tal-Knejjes
- Il-Knejjes tal-Bibbja Kongregazzjonali, Inc.

- Il-Knejjes Kristjani Kongregazzjonali (Assoċjazzjoni Nazzjonali)
- Knisja Kongregazzjonali Holiness
- Xjenza Divina
- Il-Knisja Ortodossa Afrikana
- Il-Knisja Anglikana Afrikana
- Il-Knisja Episkopali
- Knisja Rriformata Episkopali
- Il-Knisja Evanġelika
- Il-Knisja Evanġelika Kongregazzjonali
- Il-Knisja tal-Patt Evanġelika
- Il-Knisja Ħielsa Evanġelika ta' l-Amerika
- Il-Knisja Internazzjonali ta' l-Evanġelju *Foursquare*
- Il-Knejjes Fundamentali Indipendenti ta' l-Amerika
- Il-Knisja Metodista Episkopali Afrikana
- Il-Knisja Metodista Episkopali ta' Sijon
- Il-Knisja Metodista Kristjana Episkopali
- Il-Knisja Metodista Evanġelika
- Il-Knisja Morovjana (*Unitas fratrum*)
- Il-Knisja Appostolika Ġdida
- Il-Knisja Unification ta' Sun Myung Moon
- Xjenza Kristjana
- Scientology
- Moviment New Age
- Spiritwalisti
- Christadelphian, u ħafna oħrajn.

- Ebda dixxiplu fi żmien Kristu ma kien membru ta' xi waħda minn dawn imsemmija fuq!

**Int għandek tkun taf, li fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid kien hemm:**

- Familja waħda ta' Alla – Efesin 3:15; 1 Timorju 3:15
- Saltna waħda ta' Kristu u ta' Alla – Mattew 16: 18-19; Kolossin 1:13-14; Efesin 5:5; Lhud 12: 28; Rivelazzjoni 1:9
- Ġisem (knisja) wieħed ta' Kristu – Rumani 12: 5; Kolossin 1:18; Efesin 1:22-23; 4:4; Mattew 16:18
- Għarusa waħda ta' Kristu – Rumani 7:1-7; Efesin 5:22-23
- Knisja waħda ta' Kristu – Mattew 16:18; Efesin 1:22-23; 4:4-6
- Talba minn Ġesù biex ilkoll ikunu Merħla waħda – Ġwanni 10:16
- Kundanna fuq dawk li joħolqu ismijiet denominattivi – 1 Korintin 1:10-15; 3:1-7; 2 Ġwanni 8-9; Rivelazzjoni 22:18-19

**Int għandek tkun taf li l-Bibbja**:

- Hija l-Kelma ispirata minn Alla – 2 Timotju 3: 16, 17
- Hija ż-żerriegħa – Luqa 8:11
- Hija l-Kelma ta' Alla – 1 Tessalonikin 2:13; 4:8; Titu 2:5; Lhud 4:12
- Hija l-Kelma ta' Kristu – Galatin 1:11, 12
- Hija l-Kelma tal-Mulej – 1 Pietru 1:25

- Hija l-Kelma ta' l-Ispirtu s-Santu – 1 Korintin 2:13; 2 Pietru 1:20, 21
- Hija l-verità – Ġwanni 17:17; 8:31-32
- Hija l-Kelma ta' l-Evanġelju – 1 Pietru 1:25; 2 Timotju 1:8, 10; 2:8
- Hija l-Kelma tal-verità – 2 Timotju 2:15; Ġakbu 1:18; 1 Pietru 1:22
- L-liġi perfetta tal-ħelsien – Ġakbu 1:25
- Hija x-xabla ta' l-Ispirtu – Efesin 6:17
- Hija l-ħalib safi – 1 Pietru 2:2
- Taqta' aktar minn xafra b'ġewġt ixfar – Lhud 4:12
- Hija Kotba Mqaddsa – 2 Timotju 3:15
- Hija Skrittura – 2 Timotju 3:16
- Tagħtik l-għerf – 2 Timotju 3:15

**Int għandek tkun taf li l-Bibbja**:

- Jista' jifhimha kulħadd – 1 Korintin 1:17; 2:1-4; 2 Korintin 1:13
- Ħadd m'għandu jinterpretaha minn moħħu – 2 Pietru 1:20, 21
- Kull persuna għandna tfittex għaliha nfisha – Atti 17:11; 1 Korintin 10:15; 1 Tessalonikin 5: 21

**Int għandek tkun taf li l-Bibbja twissi biex:**

- Ma mmorrux "aktar milli hemm miktub" – 1 Korintin 4:6
- La nżidu magħha u l-anqas innaqqsu minnha – Rivelazzjoni 22:18, 19; Galatin 3:15

- Jekk xi ħadd iġib tagħlim ieħor ikun misħut – Galatin 1:6-9; 2 Ġwanni 9-11
- Ma nħallu lil ħadd iqarraq bina – Efesin 5:6; 2 Tessalonikin 2:3; Kolossin 2:18
- Nistħarrġu l-ispirti biex naraw jekk ikunux ġejja minn Alla – 1 Ġwanni 4:1; 1 Timotju 4:1-2
- Ma nilqugħx lil min iġib tagħlim ieħor – 2 Ġwanni 10

**Int għandek tkun taf li l-Bibbja tgħallem li persuna <u>mhijiex</u> salva <u>bil-fidi weħidha</u>:**

- L-Iskrittura titkellem dwar ħafna ħwejjeġ bħala li għandhom parti fis-salvazzjoni tagħna:
- Alla – 1 Timtoju 2:3-4
- Ġesù – Ġwanni 12:47
- Id-Demm – Atti 20:28; 1 Pietru 1:18-19
- L-Evanġelju – Rumani 1:16; 1 Timotju 4:16; 1 Korintin 15:1-2
- Ubbidjenza – Lhud 5:8-9; Mattew 7:21-29; Ġwanni 12:48; 2 Tessalonikin 1:7-10
- Fidi – Ġwanni 3:16; Atti 16:31
- Grazzja – Efesin 2:8-10; Titu 2:11; 3:3-8
- Billi nsejħu l-Isem tal-Mulej – Rumani 10:13; Atti 22:16; 2:21
- Indiema – Luqa 24:47; Atti 2:38
- Magħmudija – Mark 16:15-16; 1 Pietru 3:21
- Tama – Rumani 8:24
- Ħajja Fidila u Ubbidjenti – Mattew 10:22; Rive-lazzjoni 2:10

- Bl-imħabba – 2 Tessalonikin 2:10; 1 Ġwanni 3: 14-16
- Bit-tagħlim – 1 Timotju 4:16
- Bis-sabar – 2 Pietru 3:15
- Permezz tal-ħajja ta' Kristu – Rumani 5:10
- Bil-Kelma – Ġakbu 1:22
- Bl-Iskrittura – 2 Timotju 3:15
- Bil-predikazzjoni – 1 Korintin 1:21; Rumani 10: 13-14

**Int għandek tkun taf li fil-Bibbja aħna naqraw dwar *seba'* magħmudijiet:**

- Il-magħmudija f'Mosè – 1 Korintin 10:1-2
- Il-magħmudija ta' Ġwanni – Mattew 3:1-2, 11
- Il-magħmudija tat-tbatija – Mattew 20:22-23
- Il-magħmudija tan-nar – Mattew 3:11
- Il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu – Mattew 3:11
- Il-magħmudija tal-mejtin – 1 Korintin 15:29
- Il-magħmudija Kristjana (ta' l-ilma) – Mattew 28:19; Mark 16:16; Atti 8:36-39; Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12; Atti 22:16

**Int għandek tkun taf, li llum:**

- Hemm magħmudija *waħda biss* – Efesin 4:5; Atti 2:38; 8:35-39; 1 Pietru 3:21

**Int għandek tkun taf, li:**

- Meta temmen ma tkunx għadek salv – Mattew 7:21-27; Luqa 6:46; Ġwanni 1:11, 12; Ġwanni

8:31-44; Ġwanni 12:42, 43; Ġakbu 2:19; Atti 26:27-29

- Fidi weħidha hi mejta – Ġakbu 2:17, 24, 26
- Int għandek *tagħmel* il-kelma u mhux *tisma-għha* biss biex issalva – Mattew 7:24-27; Luqa 6:46-49; Ġakbu 1:22

**Int għandek tkun taf, li biex tidħol fil-knisja, int għandek:**

- Temmen f'Ġesù Kristu – Lhud 11:6; Ġwanni 8: 24; Atti 16:31
- Tindem minn dnubietek (Iddur minn dnubietek) – Luqa 13:3; Atti 2:38; 3:19; 17:30
- Tistqarr il-fidi tiegħek f'Ġesù – Mattew 10:32; Atti 8:37; Rumani 10:9-10
- Tkun mgħammed (għall-maħfra tad-dnubiet) fid-demm li jsalva tal-Mulej Ġesù Kristu – Mattew 28:19; Mark 16:16; Atti 2:38; 10:48; 16:22; 1 Pietru 3:21
- Tobdi dak kollu li l-Mulej ordna – Luqa 6:46; Ġakbu 2:10

**Int għandek tkun taf li l-magħmudija teħtieġ:**

- Ħafna ilma – Mattew 3:16; Ġwanni 3:23; Atti 10:47-48
- Li tinżel fl-ilma – Atti 8:36-38
- Li titla' mill-ilma – Mattew 3:16
- Difna fl-ilma – Rumani 6:3-4; Kolossin 2:12
- Qawmien – Atti 8:39; Rumani 6:4; Kolossin 2: 12
- Twelid – Ġwanni 3:3-5; Rumani 6:3-6

- Ħasil – Atti 22:16; Lhud 10:22
- Kuxjenza safja – 1 Pietru 3:21

**Int għandek tkun taf li permezz tal-magħmudija int:**

- Tkun salv minn dnubietek – Mark 16:16; 1 Piet-ru 3:21
- Ikollok il-maħfra tad-dnubiet – Atti 2:38
- Ikollok dnubietek maħsula bid-demm ta' Kristu – Atti 22:16; Lhud 9:22; 10:22; 1 Pietru 3:21
- Tkun midfun ma' Kristu – Rumani 6:4, 5; Kolo-ssin 2:12
- Tkun imqajjem mill-mewt ma' Kristu – Rumani 6:4, 5; Kolossin 2:12; 3:1
- Tkun ħlist mill-prinċipji tad-dinja – Kolossin 2: 20
- Tkun mitt ma' Kristu – Rumani 6:8; 7:6
- Tidħol fil-knisja – 1 Korintin 12:13; Atti 2:41, 47
- Tidħol fi Kristu – Galatin 3:26-27; Rumani 6:3-4
- Tilbes 'il Kristu u ssir iben jew bint ta' Alla – Galatin 3:26-27
- Tkun mgħammed fil-ġisem il-wieħed – 1 Kor-intin 12:13
- Titwieled mill-ġdid, ħolqien ġdid – Rumani 6:3-4; 2 Korintin 5:17
- Timxi fit-tiġdid tal-ħajja – Rumani 6:3-6
- Tobdi lil Kristu – Mark 16:16; Atti 10:48; 2 Tessalonikin 1:7-9

- Tkun qiegħed tagħmel "talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu" u mhux opra bis-saħħa tiegħek – 1 Pietru 3:21
- Tmur lura lejn darek kollok ferħan – Atti 8:38-39; 16:34
- Ikollok il-wegħda u l-garanzija tal-ħajja ta' dejjem – Rumani 6:22, 23

**Int għandek tkun taf li l-magħmudija hija għal maħfra tad-dnubiet l-istess kif:**

- L-indiema hija għall-maħfra ta' dnubiet – Luqa 24:47
- Id-demm tal-patt, li jixxerred għall-kotra huwa għall-maħfra tad-dnubiet – Mattew 26:28

**Int għandek tkun taf li l-Kristjani fil-knisja għandhom:**

- Jaduraw fl-ispirtu u l-verità – Ġwanni 4:23-24
- Jiltaqgħu fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa – Atti 20:7; Lhud 10:25
- Jitolbu – Ġakbu 5:16; Atti 2:42; 1 Timotju 2:1-2; 1 Tessalonikin 5:17
- Ikantaw, jagħmlu melodija b'qalbhom – Efesin 5:19; Kolossin 3:16
- Jieklu l-Ikla tal-Mulej f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa – Atti 2:42; 20:7; Mattew 26:26-30; 1 Korintin 11:20-32
- Jagħtu minn rajhom u bil-ferħ – 1 Korintin 16:1-2; 2 Korintin 8:1-5; 9:6-8

**Int għandek tkun taf, li:**

- D-Dottrina tal-knisja hija bbażata fuq il-Bibbja biss – 1 Korintin 4:6; 2 Ġwanni 8-9
- L-Bibbja hija aċċettata mingħajr żjieda, tnaqqis, jew sostituzzjoni – Rivelazzjoni 22:18-19; Galatin 1:6-11
- L-Bibbja hija l-uniku kredu tal-knisja – Ġuda 3
- Fil-Bibbja għandna "dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba" – 2 Pietru 1:3

**Int għandek tkun taf, li:**

- Wieħed jitbaxxa quddiem *bniedem* ieħor bħala riverenza huwa kkundannat fil-Bibbja – Atti 10: 25, 26
- Wieħed jitbaxxa quddiem *anġlu* bħala riverenza huwa wkoll ikkundannat fil-Bibbja – Rivelazzjoni 19:10; 22:8, 9
- Il-qima għandha tingħata lil Alla biss – Mattew 4:10
- Kristu kien mogħti qima – Mattew 2:2, 8, 11; 8:2; 9:18; 14:33; 15:25; 20:20; Ġwanni 9:38; Lhud 1:6; Rivelazzjoni 5

**Int għandek tkun taf, li:**

- Kull xorta ta' xbieha hija kkundannata fil-Bibbja – Eżodu 20:4-5; Dewteronomju 4:15-19; 2 Korintin 5:7
- Li statwi tal-ġebel, ta' l-injam, tad-deheb jew tal-fidda jew ta' xi materjal ieħor huma kollha ikkundannati minn Alla – Dewteronomju 5:32, 33; 1 Samwel 15:23; Salm 115:4-8; Isaija 40:18-20, 25; 42:8; 44:9-20; Ħabakkuk 2:18-

20; Ġwanni 3:23; 12:48; Atti 17:16-30; 1 Korintin 8:4, 7; 12:2; Rumani 1:18-25; Rivelazzjoni 9: 20;

- L-ebda idolatra ma jkollu wirt fis-saltna ta' Kristu u t'Alla – Efesin 5:5; 1 Korintin 6:9; Kolossin 3:5; Rivelazzjoni 22:15
- Aħna ngħixu bil-fidi mhux bil-viżjoni – 2 Korintin 5:7; Galatin 2:20

**Int għandek tkun taf li dik l-istess knisja ta' l-ewwel seklu, illum:**

- Hija ggwidata bl-istess Kelma – 1 Pietru 1:22-23; 2 Timotju 3:16-17
- Għandha l-Kelma ta' Alla li hija ż-żerriegħa tagħha – Luqa 8:11
- Tissielet għall-fidi l-waħda – Ġuda 3; Efesin 4:5
- Titlob bil-ħerqa għall-għaqda ta' dawk kollha li jemmnu – Ġwanni 17:20-21; Efesin 4:4-6
- Mhijiex denominazzjoni – 1 Korintin 1:10-13; Efesin 4:1-6
- M'għandha ebda isem denominattiv – Rumani 16:16; Atti 4:12; Kolossin 3:17
- Hija fidila lejn Kristu – Luqa 6:46; Rivelazzjoni 2:10; Mark 8:38
- Iġġib l-istess isem ta' Kristu – Rumani 16:16; Atti 11:26; 1 Pietru 4:16

**Int għandek tkun taf li inti tista' tkun membru ta' din il-knisja:**

- Billi tagħmel dak li għamlu n-nies fl-ewwel seklu – Atti 2:36-47
- Billi tisma’ u tagħmel dak li jgħid il-Mulej – Mattew 7:24-27; Luqa 6:46; Ġwanni 14:15, 21, 23, 24; Rumani 2:13; Ġakbu 1:22-25
- Mingħajr ma tkun f’xi denominazzjoni – Atti 2: 47; 1 Korintin 10-13
- Billi temmen u titgħammed u tkompli tgħix kif iridek li tgħix Alla – Mark 16:16; 2 Pietru 1:3-11

**Int għandek tkun taf li iben (jew bint) ta’ Alla:**

- Jista’ jintilef – 1 Korintin 9:27; 10:12; Galatin 5:4; Lhud 3:12-19; 6:4-6
- Jista’ jidneb minn rajh u jintilef – Lhud 10:26-31
- Jista’ joħroġ barra mit-triq – 1 Timotju 5:15
- Jista’ jgħallem tagħlim falz – Atti 20:28; 1 Timotju 6:3-5; 2 Timotju 2:18, 25
- Wara li jkun salva u ħeles mill-ħażen tad-dinja jista’ jerġa’ jitħabbel fih u jiġi mirbuħ minnu – 2 Pietru 2:20-21
- Huwa mogħti liġi ta’ maħfra – Atti 8:22; Ġakbu 5:16
- Huwa l-ħin kollu mnaddaf permezz tad-demm ta’ Kristu *hekk kif hu jimxi fid-dawl ta’ Alla* – 1 Pietru 2:9-10; 1 Ġwanni 1:5-10

**Int għandek tkun taf li hemm biss:**

- Medjatur wieħed bejn Alla u l-bniedem, Ġesù Kristu – 1 Timotju 2:5; Lhud 7:22; 8:6; 9:15; 12:24
- Isem wieħed li permezz tiegħu aħna nistgħu nkunu salvi – Atti 4:12
- Alla wieħed, u Missier kulħadd – Efesin 4:6; Rumani 3:30
- Spirtu wieħed – Efesin 4:3
- Mulej wieħed – Efesin 4:5
- Ġisem (knisja) wieħed – Efesin 4:4
- Tama waħda – Efesin 4:4
- Fidi waħda – Efesin 4:5; Ġuda 3
- Magħmudija waħda – Efesin 4:5; Rumani 6:3-5; Kolossin 2:12

**Int għandek tkun taf li f'kull:**

- L-ewwel jum tal-ġimgħa għandek tiltaqa' mal-Kristjani għall-qima lil Alla – Atti 2:2, 42; 1 Korintin 11:20; Lhud 10:25; 1 Pietru 2:5;
- L-ewwel jum tal-ġimgħa meta int tiltaqa' mal-knijsa int tkun qiegħed tiltaqa' f'Jum il-Mulej – Rivelazzjoni 1:10
- L-ewwel jum tal-ġimgħa għandek tkanta salmi, innijiet u għana spiritwali minn qalbek lill-Mulej – Efesin 5:19; Kolossin 3:16
- L-ewwel jum tal-ġimgħa għandek tieħu sehem fl-Ikla tal-Mulej – Mark 16:9; Atti 20:7; 1 Korintin 11:23-26
- L-ewwel jum tal-ġimgħa l-Kristjani għandhom joffru sagrifiċċji spiritwali – 1 Pietru 2:5

- L-ewwel jum tal-ġimgħa għandek tagħti minn dak li l-Mulej ipprovdielek – 1 Korintin 16:2
- L-ewwel jum tal-ġimgħa għandek iżżomm sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniet-hom, fi-qsim tal-ħobż u fit-talb – Atti 2:42

**Int għandek tkun taf li:**

- Li l-Ikla tal-Mulej hija TIFKIRA u mhux BIDLA tal-ġisem u d-demm letterali ta' Kristu – Luqa 22:19; 1 Korintin 11:24, 25
- Fl-Ikla tal-Mulej aħna NFAKKRU lil Ġesù Kristu "*sa ma jiġi*" u mhux INĠIBU lil Ġesù Kristu fuq l-artal, u Kristu għandu jerġa' jiġi fit-Tieni miġja Tiegħu u mhux fl-Ikla tal-Mulej – 1 Korintin 11:26; Atti 1:9-10; 1 Tessalonikin 4: 15-17; 2 Tessalonikin 1:7-10
- Fl-Ikla tal-Mulej aħna ma *nirċevux* lil Ġesù Kristu fina għaliex Hu DIĠA' jinsab fina 'l ħin kollu – 2 Korintin 13:5
- Sagrifiċċju ieħor *ma jistax jerġa' jsir aktar* għaliex sar darba għal dejjem – Lhud 9:26-28; 10: 1-14, 26
- Aħna ma nistgħux nagħrfu aktar lil Kristu *b'mod letterali*, *skond il-ġisem* ukoll jekk qabel għarfuh hekk – 2 Korintin 5:16
- L-Ikla tal-Mulej hija TIFKIRA l-istess bħal ma hija TIFKIRA dik l-azzjoni li l-mara għamlet ma' Ġesù meta ferrgħetlu l-alabastru biż-żejt ifuħ – Luqa 22:19; 1 Korintin 11:23-26; Mattew 26:13; Mark 14:9

- Li l-kelma TIFKIRA ma tfissirx *bidla* ta' l-ispeċi letteralment imma tfisser li "*xxandar* il-mewt tal-Mulej *sa ma jiġi*" – 1 Korintin 11:26

**Int għandek tkun taf** li:

- L-Kristjani KOLLHA huma *qassisin* u mhux sezzjoni magħżula ta' rġiel – Eżodu 19:5, 6; Lhud 4:14; 5:8; 1 Pietru 2:4, 5; Rivelazzjoni 1:5, 6; 5:9, 10
- L-Kristjani kollha huma *qaddisin* u mhux dawk wara mewthom magħmula mill-bnedmin – Ġwanni 17:17; Atti 9:13; Rumani 16:2; 1 Korintin 6:1, 2; 2 Korintin 1:1, 2; 8:4; 13:12; 16:1; Efesin 1:1, 15; 2:19; 3:8, 18; 4:12; Lhud 3:1; 6:10
- Alla Hu Dak li jqaddes (jikkonsagra) u mhux il-bnedmin – Ġwanni 17:17

**Int għandek tkun taf:**

- Lis-saltna u l-knisja huma *l-istess* istituzzjoni – Mattew 16:18-19; Kolossin 1:13; Rivelazzjoni 1:9
- Lis-saltna twaqqfet fil-ħajja ta' l-appostli – Mark 9:1; Atti 2
- Lis-saltna *issa* qiegħda hawn u aħna ninsabu fiha – Ġwanni 3:3-5; Kolossin 1:13-14; Rivelazzjoni 1:6
- Lis-saltna aħna *diġa'* ksibniha – Lhud 12:28; Luqa 1:33
- Li Kristu *issa* qiegħed isaltan – Żakkarija 6:13 - Lhud 10:12-13; Atti 2:32-35; Lhud 1:3, 13; 1 Korintin 15:20, 20; 1 Timotju 6:15-161 Pietru 3:21-22

- Li Kristu *qiegħed* isaltan minn fuq it-tron tal-Missier – Atti 2:30; Rivelazzjoni 3:21

**Int għandek tkun taf** li:

- L-Profeziji KOLLHA tat-Testment il-Qadim kienu mwettqa u llum ma baqa' ebda profezija biex titwettaq – Luqa 18:31; 24:25-27, 44; Mattew 27:51; Ġwanni 19:30; Lhud 1:1
- L-profeziji dwar il-Mulej tagħna kollha kienu mwettqa – Mattew 1:21-23; 2:15; 2:17-18; 2:23; 4:13-16; 12:15-21; 13:13-15, 34-35; 9:9; 21:1-5; 16:21; Luqa 18:31-33; 24:25-27, 44-45; Ġwanni 19:30; 17:4
- L-profeziji dwar Iżrael kienu mwettqa – Ġenesi 17:8; 12:7; 15:5; 17:7; 12:2-3; 17:5-6; Dewtero-nomju 19:8-10; Ġożwè 23:15-16; Neħemija 9:7-8; Ġożwè 21:43-45; Galatin 3:16; Eżodu 33:13; Dewteronomju 4:6-8; 2 Samwel 7:23; Ġożwè 23:14
- L-profeziji dwar l-Isem il-Ġdid, "Kristjan" kienu mwettqa – Isaija 56:5; 62:2; 65:15; Atti 11:26
- L-profeziji dwar is-saltna kienu mwettqa – 2 Samwel 7:12-17; Atti 2:30-35; Danjel 2:44; Mark 1:14-15; Atti 2:1-4; Kolossin 1:13; Lhud 12:28; Rivelazzjoni 1:9
- Ma baqa' xejn xi jkun imwettaq – Ġwanni 5:36; 17:4;
- Llum Alla jkellimna b'Ibnu, Ġesù Kristu u mhux bil-profeti – Lhud 1:1

- Aħna għandna nisimgħu Lilu u mhux lil xi profeta – Mattew 17:5

**Int għandek tkun taf li:**

- *L-aħħar* stat tal-Lhud kien agħar minn ta' *l-ewwel* – Mattew 12:45
- S-saltna kienet meħuda mil-Lhud u mgħotija lil ħaddieħor – Mattew 21:43; 1 Pietru 2:7-10
- L-ħtija nazzjonali ġabet penalità nazzjonali – mewt – Mattew 21:33-45
- N-nisel ta' Abraham m'għadux aktar mal-Lhud – Galatin 3:28-29
- L-Lhudi ta' Alla mhux aktar skond il-ġisem ta' Abraham imma mill-fidi ta' Abraham – Rumani 4:16
- L-Ġentili Kristjani huma l-Lhud ta' Alla – Rumani 2:28-29
- Ċ-ċirkonċiżjoni tal-ġisem tat-lok għaċ-ċirkonċiżjoni tal-qalb – Kolossin 2:11-12

**Int għandek tkun taf li:**

- L-missjoni ta' Kristu tal-fidwa hija *kompluta* – Efesin 1:7-10; Kolossin 1:13-14
- R-rivelazzjoni ta' Kristu hija *kompluta* – Efesin 3:1-10; Ġuda 3
- L-awtorità ta' Kristu hija *kompluta* – Mattew 28:18; Efesin 1:20-23
- Is-saltna ta' Kristu hija *kompluta* – Kolossin 1:13; Lhud 12:28

- T-tron ta' Kristu huwa *komplut* – Lhud 4:14; Rivelazzjoni 3:21
- L-isem ta' Kristu hu *komplut* – Efesin 1:22; Kolossin 3:17
- L-glorja ta' Kristu hija *kompluta* – Luqa 24:25; 1 Pietru 1:20-21
- X-xogħol ta' Kristu fuq l-art huwa *mitmum* – Ġwanni 17:1-10

**Int għandek tkun taf** li **Kristu:**

- Hu Alla – Isaija 9:6; 40:3 = Ġwanni 1:23; Luqa 3:4; Ġwanni 1:1; 5:18, 23; 10:30-38; 8:24; Luqa 5:20-21; Ġwanni 19:7; Titu 2:13; Filippin 2:6; Lhud 1:6-8; Rivelazzjoni 1:8, 11, 17-18; 21:6; 22:13;
- Hu Sultan u Qassis – Żakkarija 6:12-13
- Kellu jibni t-tempju – 1 Korintin 3:16
- Hu kellu joqgħod fuq it-tron Tiegħu – Atti 2:34
- Hu kellu jaħkem min fuq it-tron tiegħu – Lhud 1:8
- Hu kellu jkun Qassis fuq it-tron Tiegħu – Lhud 4:14; Lhud 8:4
- Hu qiegħed – jaħkem – Qassis – fuq it-tron *issa* – Salm 110; Lhud 5:6-10
- Hu Qassis wara l-ordni ta' Melkisedek għal-hekk Hu Sultan u Qassis fl-Istess ħin *issa* – Fis-mewwiet
- Kien mogħti qima – Mattew 2:2,11; 14:33; 28:9
- Talbu Lilu – Atti 7:59; 1 Korintin 1:1-2
- Kien imsejjaħ Bin Alla – Mark 1:1

- Kien mingħajr ebda dnub – 1 Pietru 2:22; Lhud 4:15; 1 Ġwanni 3:5
- Kien jaf il-ħwejjeġ kollha – Ġwanni 21:17
- Jagħti l-ħajja ta' dejjem – Ġwanni 10:28
- Għandu tgħammar Fih id-divinità kollha – Kolossin 2:9

**Int għandek tkun taf li Ġesù Kristu kien Bniedem:**

- Hu ta' qima lill-Missier – Ġwanni 17
- Hu talab lill-Missier – Ġwanni 17:1
- Hu kien imsejjaħ bniedem – Mark 15:39; Ġwanni 19:5
- Hu kien imsejja – Ġwanni 9:35-37
- Hu kien imġarrab – Mattew 4:1
- Hu kiber fil-għerf – Luqa 2:52
- Hu miet – Rumani 5:8
- Hu għandu ġisem tal-laħam u l-għadam – Luqa 24:39
- Hu beka – Ġwanni 11:34

**Int għandek tkun taf lit-Tieni Miġja ta' Kristu ġġib magħha:**

- It-tmiem tal-prova – 2 Pietru 3:9; 1 Pietru 1:17
- It-tmiem tad-dinja – 2 Pietru 3:7-10
- It-tmiem taż-żmien – 1 Pietru 4:7; 1 Korintin 1: 7-8
- Il-qawmien tal-mejtin kollha – Ġwanni 5:20; 6:40
- Il-ġudizzju finali – Ġwanni 12:48; Mattew 25: 31; 2 Tessalonikin 1:5-10

- It-tmiem fejn is-saltna tkun mogħtija – Luqa 22:29; 1 Korintin 15:20-28
- Smewwiet ġodda u art ġdida li huma idjoma biblika għas-Smewwiet – 2 Pietru 3:13; Ġwanni 14:36; 1 Pietru 1:4; Filippin 3:20

**Int għandek tkun taf** li **f'Rivelazzjoni 20:1-6 ma hemmx imsemmi:**

- It-Tieni Miġja ta' Kristu
- Qawmien bil-ġisem
- Ħakma fuq l-art
- Tron letterali (ta' David)
- Ġerusalem tal-Palestina
- Aħna
- Kristu fuq l-art

Saħta hija ppronunzjata fuq dawk li jżidu mal-kliem ta' dan il-Ktieb – Rivelazzjoni 22:18-19

**Int għandek tkun taf** li:

- Kristu kien imqajjem biex joqgħod bil-qiegħda fuq it-tron (fl-id il-leminija ta' Alla) sat-tmiem – Atti 2:29-34
- Kristu tela' fis-sema—qagħad fuq it-tron (l-Id il-leminija ta' Alla) sat-tmiem – Lhud 1:3-13
- Kristu għandu jsaltan –fis-smewwiet (l-Id il-leminija ta' Alla) sat-tmiem – Lhud 10:12-13
- L-ħakma ta' Kristu hija kontinwa minn Pentekoste sat-tmiem taż-żmien – Atti 3:20-21

**Int għandek tkun taf** li **l-Millennjaliżmu:**

- Jiċħad li Kristu qiegħed isaltana *issa* – Rivelazzjoni 1:56; 5:8
- Jannulla din l-Epoka, dan iż-żmien bħala *l-aħħar jiem* – Lhud 1:1
- Jagħmel lil Alla falz għall-wegħdiet Tiegħu – Mark 1:14-15
- Jalterna l-Ġudaiżmu u l-Kristjaneżmu – Lhud 8:5-7; 9:9-10
- Iċekken l-Evanġelju fl-importanza tiegħu – inaqqas il-mertu tal-knisja – Efesin 3:9-11
- Iħassar il-Kummissjoni l-Kbira – Mattew 28: 19-20
- Jannulla s-salvazzjoni lill-Ġentili issa – Atti 15: 14-18
- Iniżżel lil Kristu mit-tron Tiegħu fis-smewwiet għal l-art il-mirfes Tiegħu – Lhud 1:3-13
- Jagħmel l-ewwel miġja ta' Kristu falliment – Galatin 4:4-5; Ġwanni 17:1-14
- Huwa sempliċiment teorija ibbażata fuq skola ta' interpretazzjoni spekulattiva

**Int għandek tkun taf** li **l-Marija tal-Bibbja**:

- Kienet verġni biss sa qabel it-twelid ta' Ġesù – Mattew 1:20, 25
- Wara t-twelid ta' Ġesù ma baqgħetx verġni – Luqa 2:23 (Eżodu 13:2, 12; Levitku 12:2-8)
- Kellha "l-ewwel iben tagħha" (*prototokos*) li kien Ġesù iżda mhux "l-uniku" (*monogenes*) iben kif naqraw dwar oħrajn – Luqa 2:7; e.ż. Luqa 7:12; 8:42; 9:38; Ġwanni 3:16

- Kellha aktar tfal wara Ġesù – Luqa 2:7; Mattew 12:46-50; Mark 3:31-35; 6:3-4; Luqa 8:19-21; Ġwanni 2:12; 7:3, 5, 10; Atti 1:14; 1 Korintin 9:5; Galatin 1:19
- Kienet teħtieġ Salvatur bħall-bnedmin l-oħra kollha – Luqa 1:47; 1 Ġwanni 1:8; Rumani 3:4, 10-12; 5:12, 18; 1 Korintin 15:22
- Kienet omm Ġesù u mhux omm Alla – Ġwanni 1:1; 2:2; Mattew 13:55, 56; Mark 3:31-35; Atti 1:14
- Ma tistax tkun medjatriċi għaliex WIEĦED Hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, Ġesù Kristu – 1 Timotju 2:5; Lhud 9:27; 12:24
- Ma telgħetx fis-sema bir-ruħ u l-ġisem – Ġwanni 3:13; Filippin 3:3; 1 Korintin 15:50

**Int għandek tkun taf** li **Alla:**

- Hu mħabba – Ġwanni 3:16; 1 Ġwanni 4:19
- Huwa Spirtu – Ġwanni 4:24
- Jistabar għal żmien twil – 2 Pietru 3:9
- Qaddis – Rivelazzjoni 4:8; Ġwanni 17:11
- Ma jinbidilx – Ġakbu 1:17
- Għandu l-għarfien kollu – Rumani 16:27
- Għandu s-setgħa kollha – Rivelazzjoni 19:6
- Hu preżenti kullimkien – Salm 139:7-10
- Jibni kollox – Lhud 3:4
- Hu Alla tal-ħaqq – Lhud 10:30-31; 12:23, 29
- Ma ma jħarisx lejn l-uċuħ – Atti 10:34; Rumani 2:11; Galatin 2:6; Efesin 6:9; 1 Pietru 1:17
- Kiseb il-knisja b'demmu stess – Atti 20:28

- Ma joqgħodx f'tempji maħduma b'idejn il-bnedmin – Atti 17:24
- Mhux mogħti qima b'offerti b'idejn il-bnedmin – Atti 17:25
- Ma jixbaħx lid-deheb u l-fidda jew lill-ħaġar qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem – Atti 17:29; Rumani 1:23, 25
- Ma jrid li ħadd li jintilef – 2 Pietru 3:9
- Jrid li kulħadd jindem – Atti 17:30; 2 Pietru 3:9
- Hu ħaj – Lhud 10:31
- Hu nar qerriedi – Lhud 12:29

**Int għandek tkun taf** li:

- Titli reliġjużi huma kkundannati minn Kristu – Mattew 23:8-11
- M'għandek issejjaħ lil ebda bniedem bħala 'missier' (father) f'sens reliġjuż – Mattew 23:9
- "Missier" spiritwali wieħed biss hemm, Alla – Malakija 2:10; Mattew 23:9; Efesin 4:6
- R-raġuni għal dan, skond il-Mulej Ġesù Kristu, hija, għax "intom ilkoll aħwa." – Mattew 23:9
- "Missier Qaddis" (Holy Father) wieħed hemm biss, Alla u mhux xi bniedem kap ta' knisja – Mattew 23:9; Ġwanni 17:11; Apokalissi 15:4;
- "Qaddis" (Holy) huwa Isem Alla u mhux ta' bniedem – Salm 111:9

**Int għandek tkun taf** li **Satana**:

- Jista' jitbiddel f'anġlu tad-dawl – 2 Korintin 11:13
- Hu x-Xitan – Mattew 4:1

- Hu Tentatur – Mattew 4:3; 1 Tessalonikin 3:5
- Hu Missier il-giddieb – Ġwanni 8:38, 41, 44
- Hu Qattiel – Ġwanni 8:44
- Hu l-għadu tagħna – 1 Pietru 5:8; Mattew 13:39
- Hu l-prinċep ta' din id-dinja – Ġwanni 12:31
- Hu l-ispirtu li jaħdem f'ulied id-diżubbidjenza – Efesin 2:2
- Hu l-alla ta' din id-dinja – 2 Korintin 4:4
- Hu l-ħażin – Mattew 13:19, 38
- Ġa ikkundannat – Ġwanni 16:11
- Hu marbut minn Ġesù Kristu – Mattew 12:29
- Hu llimitat – Kolossin 2:15
- Kellu s-setgħa imma issa m'għandux – Lhud 2: 14; Ġwanni 12:31
- u l-anġli tiegħu jkunu mixħutin fin-nar ta dejjem – Mattew 25:41; 2 Pietru 2:4; Ġuda 6; Rivelazzjoni 12:7-9
- Għaraf lil Ġesù bħala l-Iben ta' Alla – Mattew 8:29; Mark 1:23-24; 3:11; 5:7; Luqa 4:41; 8:28; Atti 19:15
- Għaraf lil Pawlu bħala l-qaddej t'Alla – Atti 16: 17
- U d-demonji tiegħu huma spirti mnġġsa u jis-tgħu jirraġunaw – Mattew 12:43-45
- U d-demonji tiegħu kienu jafu dwar il-ħaqq li kien ġej kontrihom – Mattew 8:29; Mark 1:24; 5:7; Luqa 4:34; 8:28, 31
- U x-xjaten tiegħu jemmnu jitriegħdu – Ġakbu 2:19

- Mhuwiex sempliċiment marda, kif jippruvaw jgħallmu xi wħud – Mark 5:5, 13
- Kapaċi jagħmel sinjali foloz – Rivelazzjoni 16: 14
- Ried lid-dixxipli ta' Kristu f'idejh – Luqa 22:31
- Jersaq bħala l-Ħażin u jisraq dak li jkun inżer'a f'qalb min jisma' l-Kelma tas-Saltna – Mattew 13:19

**Int għandek tkun taf** li:

- Aħna, bħala Kristjani, nafu l-ħsibijiet ta' Satana – 2 Korintin 2:11
- Aħna, bħala Kristjani, m'għandniex nagħtu wisa' lix-xitan – Efesin 4:27
- Aħna, bħala Kristjani, għandna nilbsu l-armatura ta' Alla biex nieqfu kontra x-Xitan – Efesin 6:11-17
- L-verità biss tista' teħilsek mix-xbiek tax-xitan – 2 Timotju 2:26; Ġakbu 4:7

**Int għandek tkun taf** li:

- Hawn ħafna profeti foloz – Mattew 7:15
- Jqumu ħafna profeti foloz – Mattew 24:11
- Dehru profeti foloz fost il-poplu ta' Alla – 2 Pietru 2:1
- Ħafna profeti foloz ħarġu fid-dinja – 1 Ġwanni 4:1
- Hemm kundanna fuq il-profeta falz – Dewteronomju 18:20-22
- Aħna mwissija dwar il-profeti foloz – Dewteronomju 13:3

**Int għandek tkun taf** li:

- Hawn ħafna għalliema foloz – Dewteronomju 13:1-3; 2 Pietru 2:1
- Jgħallmu t-tradizzjonijiet tal-bnedmin – Mattew 15:1-9; Mark 7:1-13
- Fl-aħħar jiem ikun hawn ħafna għalliema foloz – 2 Timotju 4:3, 4
- Minn fost il-Kristjani stess iqumu għalliema foloz – Atti 20:29-30

**Int għandek tkun taf** li **llum ma jistax ikun hawn appostli (jew suċċessuri tagħhom) għaliex:**

- Ma hemm ebda bniedem li jista' jkollu l-kwalifiki li jkun xhud li ra b'għajnejh stess lil Ġesù – Atti 1:21, 22; 10:40, 41; Atti 1:20-23.
- L-ewwel appostli kienu magħżulin personalment minn Kristu – Luqa 6:13; Atti 1:2; 9:16; 24:16-18; Ġwanni 14:16, 27.
- Ħadd ma jista' jirċievi l-Ispirtu s-Santu kif imwiegħed lil l-appostli fl-ewwel seklu – Ġwanni 16:13; Luqa 24:49; Atti 1:5
- Ġesù wiegħed personalment lilhom li huma jkunu xhieda Tiegħu – Luqa 24:48-49; Ġwanni 15:16, 27; Atti 1:8, 22
- L-Ispirtu s-Santu kien imsawwab fil-Jum ta' Pentekoste – Atti 2:1-4
- Hemm biss magħmudija **waħda** – Efesin 4:5
- Il-magħmudija **waħda** hija dik ta' l-ilma u mhux ta' l-Ispirtu s-Santu – Atti 2:38; 1 Pietru 3:20-21; Atti 8:36-39

- Ebda bniedem ma jista' jwettaq il-mirakli li wettqu l-appostli fl-ewwwel seklu – Mattew 10:1; Atti 2:43; Lhud 2:3-4; 2 Korintin 12:12
- Ħadd illum m'għandu s-setgħa li jagħti doni mirakolużi kif għamlu l-appostli ta' l-ewwel seklu – Atti 9:17-18; 19:6; Atti 8:9-25; Rumani 1:11; 2 Timotju 1:6

**Int għandek tkun taf** li **l-ġudizzju:**

- Jiġi eżattament wara t-Tieni Miġja ta' Kristu – Mattew 16:27
- Jkun fuq il-bnedmin meta huma ma jistennewħx – 1 Tessalonikin 5:2-3; Mattew 24:36-39
- Jkun rett – Rumani 2:5
- Jkun kemm għat-tajbin u kemm għall-ħżiena – Ġwanni 5:28-29; 2 Korintin 5:10
- Jkun "ħuġġieġa nar li teqred" għall-ħżiena – Lhud 10:27; Isaija 26:11

**Int għandek tkun taf** li **se tkun iġġudikat skond:**

- L-Evanġelju ta' Kristu – Ġwanni 8:51; Rumani 2:2, 16; 2 Tessalonikin 1:7-9; 1 Pietru 4:17; Rivelazzjoni 20:11-12
- It-tajjeb jew il-ħażin li tkun għamilt waqt li kont għadek ħaj fil-ġisem – 2 Korintin 5:10; Rumani 2:6, 7; 14:12; Ġwanni 5:28-29; Galatin 6:7
- Skon l-egħmejjel tiegħek – Salm 62:12; Proverbji 24:12; Mattew 16:27; Rumani 14:12; 1 Pietru 1:17

- Il-Kelma li Ġesù qal – Ġwanni 12:48; Rivelazzjoni 20:12
- Il-frott tiegħek – Ġeremija 17:10
- Kliemek – Mattew 12:36
- Is-sigrieti tiegħek – Ekkleżjażti 12:14
- Ix-xogħol tiegħek – 1 Korintin 3:8

**Int għandek tkun taf li l-iskop tal-ġudizzju huwa biex:**

- Jifred il-ġusti mill-ħżiena – Mattew 25:31-34, 41, 46
- Kull wieħed jirċievi skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-gisem – 2 Korintin 5:10

**Int għandek tkun taf li r-riżultati finali tal-ġudizzju jkunu:**

- Kastig ta' dejjem – Mattew 25:46
- Ħajja ta' dejjem – Mattew 25:46
- Tbatija u dwejjaq għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen – Rumani 2:9; 11:22
- Glorja u ġieh u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb – Rumani 2:10; 11:22
- Tfigħ bil-belliegħa tan-nar – Riv. 20: 14-15
- Tħollija barra mill-Belt – Riv. 22:15

**Int għandek tkun taf li:**

- L-ġudizzju huwa ċert – Salmi 9:7; 98:9; Ekkleżjażsti 11:9; Atti 17:31
- L-ġudizzju huwa jum it-telfien tal-ħżiena – 2 Pietru 3:7

- Kulħadd ikun iġġudikat – Mattew 25:31-32; Rumani 2:16; Rumani 14:10
- Kemm il-ħżiena u kemm il-ġusti jkunu fil-ġudizzju – Ġwanni 5:28-29; Atti 17:31; Mattew 25:32
- Fil-ġudizzju kull min ma jinstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja jkun mixħut fil-belliegħa tan-nar – Rivelazzjoni 20:15
- L-qies tal-ġudizzju huwa ċert – Salmi 9:7; 98:9; Ekkleżjażsti 11:9; Atti 17:31
- L-qies se jkun skond il-verità – Rumani 2:2, 16; Ġwanni 12:48; Rivelazzjoni 20:12

**Int għandek tkun taf li:**

- Tarbija m'għandha l-ebda dnub – Luqa 18:15-17; 9:48
- D-dnub huwa ksur tal-liġi – 1 Ġwanni 3:4
- D-dnub ma jinteritx – Eżekjel 18:20; Ġakbu 1:14-15
- Kulħadd dineb u mhux wiret id-dnub – Rumani 3:23; 5:12
- Kull min huwa responsabbli, ħadd, lanqas persuna waħda ma hija mingħajr dnub – Rumani 5:10-12, 20
- Ġesù Kristu WAĦDU Hu mingħajr dnub – 2 Korintin 5:21; Lhud 4:15; 1 Pietru 2:22; 1 Ġwanni 3:5

**Int għandek tkun taf liż-Żwieġ:**

- Huwa istituzzjoni divina – Mattew 19:3-9

- Huwa relazzjoni suprema – Efesin 5:21-33; 6:1-4; Ġenesi 2:24
- Jagħmel lir-raġel u lil martu ħaġa waħda – Mattew 19:6; 1 Korintin 7:4; Efesin 5:31
- Huwa relazzjoni għal dejjem – Mattew 19:6; Rumani 7:1-3

**Int għandek tkun taf li:**

- L-art u kull ma fiha għad jispiċċaw – Ġenesi 8:22; Salm 102:25-28; Isaija 24:20; Mattew 24:35; 2 Pietru 3:10-12; Rivelazzjoni 20:11
- Ħlasna hu kbir fis-smewwiet u mhux fuq l-art – Mattew 5:12; Mattew 6:19-20
- Ċ-ċittadinanza tagħna hija fis-sema u mhux fuq l-art – Filippin 3:20
- L-wirt tagħna huwa fis-sema u mhux fuq l-art – 1 Pietru 1:3-4
- T-tama tagħna hi fis-sema u mhux fuq l-art – Kolossin 1:5; 2 Korintin 5:1
- Fejn Ġesù se jkun hemm aħna se nkunu wkoll – Ġwanni 14:3

**Int għandek tkun taf li:**

- Għalkemm iċ-ċittandinanza, it-tama, il-ħlas u l-wirt ta' kull persuna ġusta huwa fis-sema, ĦADD għadu ma tela' s-sema – Ġwanni 3:13
- Fis-sema ĦADD ma jista' jitla' jew jidħol bil-ġisem fiżiku li jkollu hawn fuq l-art – Ġwanni 3:6; 1 Korintin 15:50
- Li l-bnedmin KOLLHA għandhom imutu – 1 Korintin 15:22

- Li l-bnedmin KOLLHA għandhom jitbiddlu – 1 Korintin 15:52

**Int għandek tkun taf li meta Ġesù jerġa' jiġi:**

- Hu jiġi ma' l-anġli Tiegħu – mingħajr ma jirre-vela meta – Ġwanni 14:3; Atti 1:9-11; 1 Tessa-lonikin 5:1-6
- Hu jgħajjat, l-arkanġlu jgħajjat, u t-tromba d-doqq – Ġwanni 5:28; 1 Tessalonikin 4:16; 1 Korintin 15:51-52
- L-opprtunità kollha biex wieħed idur lejn Alla tispiċċa – Mattew 25:1-13; Lhud 9:27; 2 Korin-tin 6:1-2
- L-mejtin kollha jkunu mqajma minn żewġ post-ijiet ta' stennija: il-ġenna (ħdan Abraham) u tar-tarus, il-post tat-tbatija reġjuni separati f'Hades – **Ġenna**: Luqa 16:22-23; 23:43; Atti 2:27. **Tbatija**: Luqa 16:22-26; 2 Pietru 2:4, 9; Ġwan-ni 5:28-29; 1 Korintin 15:20, 23; 1 Tessalonikin 4:13-18; Rivelazzjoni 20:12-13
- S-salvi li jkunu mietu jkunu mqajma b'ġisem ġdid immortali

  Ġesù kien imqajjem bl-istess ġisem fiżiku Tie-għu – Luqa 24:39; Mattew 28:9; Ġwanni 20:27

  Imma s-salvi jkunu mqajma b'ġisem spiritwali – 1 Korintin 15:35-37, 42-44, 52
- Fl-istess ħin, is-salvi li ma kinux mietu jkunu mibdula, mogħtija ġisem immortali – 1 Korintin 15:51-52; Filippin 3:20-21

- S-salvi jiltaqgħu ma' Ġesù fl-ajru biex jibqgħu Miegħu għal dejjem – 1 Tessalonikin 4:17
- D-dinja tkun meqruda bin-nar – Mattew 24:35; 2 Pietru 3:7, 10-13; Rivelazzjoni 20:11; Lhud 1: 10-12
- N-nies kollha li qatt għexu jkunu ġġudikati – Ekkleżjażti 12:13-14; Ġwanni 5:28-29; 2 Korintin 5:10; Rumani 14:10-12; Atti 17:30-31; Ġwanni 12:48; Mattew 25:31-46; Rivelazzjoni 20:11-15
- L-mitlufa jkunu mixħuta fl-għadira tan-nar, "Gehenna" (xi kultant tradotta "infern") – Mark 9:43-48; Mattew 3:12; 25:41, 46; Rivelazzjoni 20:14; 21:8
- Hu jiġi għand Alla bil-qaddisin Tiegħu u jagħti s-saltna lil Alla: in-nies tas-saltna jidħlu fil-post tas-saltna – "Il-Ġerusalem il-Ġdida" fuq "l-art il-ġdida" (li hija idjoma biblika għas-Smewwiet) – 1 Korintin 15:23-24; 1 Tessalonikin 3: 12-13; 4:14; 2 Korintin 4:14; 2 Pietru 1:10-11; 3:13; Ġwanni 14:1-2; Rivelazzjoni 21:1-4
- Alla u Kristu jsaltnu fuq il-ġusti għal dejjem – Luqa 1:33; Rivelazzjoni 22:1-5

**Int għandek tkun taf li:**

- Hemm biss żewġ toroq li wieħed jista' jagħżel minnhom, dik wiesa' u dik dejqa – Mattew 7:13
- Hemm biss żewġ sidjien li int tista' taqdi – Mattew 6:24; Rumani 6:18-23; 8:1-17
- Hemm biss żewġ destini, jew ħajja ta' dejjem jew kundanna ta' dejjem – Mattew 25:46; 13:

36-50; Ġwanni 5:28-29; Rivelazzjoni 14:11-13; 20:11-15; 22:12-15

- Wieħed għandu jitħabat biex jidħol mill-bieb id-dejjaq – Luqa 13:24
- Wara l-mewt ma jista' jsir xejn biex wieħed jibdel id-destin tiegħu – Luqa 16:19-31

**Int għandek tkun taf li:**

- Ġesù Kristu qiegħed "fil-bieb, u qiegħed iħabbat," jekk int tiftaħlu, Hu jidħol għandek u jiekol miegħek – Rivelazzjoni 3:20
- Jekk inti tiftaħlu l-bieb, ismek jitniżżel fil-ktieb tal-ħajja – Rivelazzjoni 20:11-12
- Jekk ismek ma jkunx miktub fil-ktieb tal-ħajja int "tkun mixħut fil-belliegħa tan-nar" – Rivelazzjoni 20:17
- Jekk ismek ikun miktub fil-ktieb tal-ħajja int ikollok "il-ħajja ta' dejjem fi Kristu Ġesù Sidna" – Rumani 6:23

"*Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll*" (2 Kor-intin 13:13